# ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

Lir-Reverendi Arċiprieti, Kappillani, Retturi ta' knejjes u Superjuri Reliġjużi

## FESTA TA' KRISTU RE

Il-festa liturġika ta' Kristu Re din is-sena se tiġi ċċelebrata nhar il-Ħadd, 22 ta' Novembru 2015.

Il-motto magħżul għal din is-sena biex jiggwidana fiċ-ċelebrazzjoni ta' din il-festa hu: "**Kristu Sultan, ħenn għalina** ".

Iċ-ċelebrazzjoni djoċesana mmexxija mill-Arċisqof Charles J. Scicluna se ssir **fil-5 p.m. fil-Knisja Arċipretali ta' Ħaż-Żabbar.** Wara, ikun hemm quddiesa fl-istess post fejn issir iċ-ċelebrazzjoni.

Mons. Arċisqof irid ukoll li, bi tħejjija għal din iċ-ċelebrazzjoni djoċesana, fil-knejjes kollha tal-Arċidjoċesi fejn tinżamm l-Ewkaristija ssir adorazzjoni nhar il-Ħamis, 19 ta' Novembru.

---

## ĠABRA GĦALL-ISKEJJEL TAL-KNISJA

Bħal kull sena, il-Knisja qiegħda tappella għall-ġenerożità tal-membri tagħha biex jgħinuha tipprovdi l-mezzi finanzjarji biex l-iskejjel tal-Knisja f'Malta jkunu jistgħu jkomplu jaqdu u jġibu 'l quddiem il-missjoni tagħhom ta' edukazzjoni ta' eluf ta' tfal u żgħażagħ.

Għal dan il-għan, il-ġbir kollu li jsir fil-quddies tas-Sibt filgħaxija u tal-Ħadd, 14 u 15 ta' dan ix-xahar, se jmur għall-Fond tal-Iskejjel tal-Knisja.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, il-Furjana, illum 3 ta' Novembru 2015.

Lawrence Gatt
Kanċillier

Joe Galea Curmi
Vigarju Ġenerali